MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 206/2000/1

Anthony Cassar u
Mary Charlotte Cassar .

vs

Saviour Cremona ,
Victor Borg ,
U għall-interess li jista' jkollhom
is-soċjetajiet Kummerċjali
Palazzo Palina Holdings Limited, u
Realfinanz AG .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi, fl-1997 kienu saru diskussjonijiet bejn l-attur min-naħa waħda u min-naħa l-oħra Saviour Cremona u Victor Borg

sabiex jiġu akkwistati b'xiri l-azzjonijiet tas-soċjeta' Realfinanz AG ;

Illi, bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet saret skrittura li ġiet iffirmata minnhom it-tlieta (Dok. A) . Dik l-iskrittura hija bla data għalkemm fuqha hemm stampat "May 1997" li sar minn min kien ittajpja l-istess skrittura . Il-ftehim bażi kien li l-imsemmija azzjonijiet jinxtraw f'isem soċjeta' li kellha tiġi ffurmata bejn il-kontraenti fil-proporzjonijiet hemm imsemmijin ;
Illi, d-dokumenti oriġinali ffirmat u mingħajr data kien f'idejn l-Avukat Dr. Louis Camilleri Preziosi u ġie minnu esebit fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 3/2000 waqt ix-xhieda li hu ta fl-1 ta' Frar 2000 .

Illi, b'danakollu Saviour Cremona u Victor Borg, meta fetħu kontra l-atturi odjerni l-kawża fl-ismijiet inversi (Cit. 41/99/Pc), esibew l-imsemmija skrittura bid-data tas-7 ta' Mejju 1997 (Dok. A ma' dik iċ-ċitazzjoni) liema data tal-ġurnata '7' tidher miktuba bil-linka .

Illi, għalkemm il-konvenuti Cremona u Borg ammettew f'ċertu mument li dik id-data żieduha huma, sal-lum għadu ma rriżulta min minnhom fil-fatt kitibha .

Illi, dik iż-żieda saret mingħajr il-kunsens tal-attur, anzi wara dahru u ad insaputa tiegħu ;

Illi, din l-interpolazzjoni tikkostitwixxi falsifikazzjoni ta' dokument kummerċjali li huwa delitt kontemplat mil-liġi kriminali ;

Illi, mhux biss saret l-interpolazzjoni tal-ġurnata msemmija, iżda l-konvenuti għamlu użu mill-istess dokument falsifikat billi a bażi tiegħu (u ta' dokumenti oħrajn) istitwew il-kawża fuq imsemmija ; difatti, l-ewwel premessa tal-istess ċitazzjoni tinqara hekk :

"Peress illi bi ftehim li sar fis-7 ta' Mejju 1997 (Dokument A) Victor Borg u Saviour Cremona kienu ftehmu mal-konvenut Anthony Cassar ... "

Illi, l-atturi għandhom interess, anke għall-finijiet ta' danni eventwali, li jiġi stabilit min minnhom kiteb l-imsemmija data, u li jiġi dikjarat li d-dokument prodott mill-konvenuti bid-data tas-7 ta' Mejju 1997 hu dokument falz .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. għaliex m'għandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li l-iskrittura esebita mill-konvenuti fil-kawża msemmija bħala Dokument A bid-data tas-7 ta' Mejju 1997 hi dokument falz għaliex id-data tiegħu ġiet abużivament u kontra l-liġi ; u

2. għaliex g'għandhiex l-istess Qorti tistabilixxi min mill-konvenuti kiteb fl-imsemmija skrittura d-data tas-7 ta' Mejju 1997 .

B'riserva ta' kull azzjoni oħra, ċivili u anki kriminali, kontra l-konvenuti, li jibqgħu nġunti għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Anthony Cassar .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi fl-ewwel lok il-lis alibi pendens billi l-mertu tal-kontroversja preżenti huwa ġa meritu tal-kawża fl-ismijiet inversi pendenti bejn l-istess partijiet quddiem dina l-Onorabbli Qorti ;

2. Illi fit-tieni lok mhux permissibbli lill-atturi li jipprovaw jissotraw l-inċident in kwistjoni mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti li ġa ħadet konjizzjoni tiegħu u hija kompetenti li tiddeċidi dwarhu ;

3. Illi fit-tielet lok ma hemmx interess separat mill-ġudizzju ġia pendenti quddiem il-Qorti fiċ-ċitazzjoni fl-ismijiet inversi għad-dikjarazzjoni mitluba ;

4. Illi fir-raba lok l-indikazzjoni tad-data fl-iskrittura in kwistjoni billi l-istess hija fin-natura ta' prokura

ma hix ta' essenza għall-validita' tal-istess skrittura u ma teffetwa bl-ebda mod ;

5. Illi fil-ħames lok ma hemm l-ebda falsifikazzjoni kif allegat mill-atturi u l-ftehim kontenut fl-iskrittura in kwistjoni ġie validament u effettivament konkjuż bejn il-partijiet fid-data indikata għalkemm huwa minnu li meta ġiet iffirmata l-iskrittura l-indikazzjoni tal-ġurnata ma kenitx hemm hekk u din ġiet inserita wara l-firma fuq il-kopja imħollija f'idejn il-konvenuti ;

6. Illi fis-sitt lok il-fatti li taw lok għal din il-vertenza ġia xehdu dwarhom eżawrjentement il-partijiet fil-kawża fl-ismijiet inversi u l-Qorti ġia kellha l-opportunita' li tiddegreta definittivament dwar il-kwistjoni sollevata mill-atturi f'din il-kawża ;

7. Illi fis-seba' lok in-nullita' ta' dina l-proċedura billi l-kwistjoni kollha hija dwar jekk id-dokument għal liema ssir riferenza għandux jiġi sfilzat mill-proċeduri f'liema ġie ppreżentat u l-preżenti proċedura hija tentattiv biex tneħħi mill-ġudizzju tal-Qorti kwistjoni li taqa' esklussivament fil-kompetenza tagħha bħala parti mir-regolar tal-provi .

8. Fl-aħħarnett, illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatti u fid-dritt **.**

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Saviour Cremona .

Rat il-verbal tagħha tat-3 ta’ Novembru 2006 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum *.*

Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti **.**

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, kif ukoll l-atti tal-kawża konnessa ċitazzjoni nru. 91/1999 u l-Mandat ta' Inibizzjoni nru. 3/2000, fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti wkoll .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jattakkaw bħala falz, dokument esebit mill-konvenuti fil-kawża fl-ismijiet inversi, konsistenti f'kopja fotostatika ta' skrittura privata iffirmata minn tlieta mill-kontendenti, u ċioe' Anthony Cassar, Victor Borg u Saviour Cremona, li fuqha ġie miktub bil-linka bl-idejn in-numru "7" fil-parti ndikattiva tad-data ta' l-istess skrittura[1] .

Il-konvenuti eċċepew preliminarjament il-***lis alibi pendens*** "*billi l-mertu tal-kontroversja presenti huwa ġa meritu tal-kawża f'l-ismijet inversi pendenti bejn l-istess partijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti,*" u dana b'referenza għall-kawża l-oħra li ġia kien hemm pendenti bejn l-istess kontendenti, ċioe' l-kawża ċitaz. nru. 91/1999 fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti kif ippreseduta wkoll .

Dwar eċċezzjoni bħal din ġie mfisser illi : "***La litis pendenzia si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi . E' necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, innnanzia due giudici diversi (identita' di soggetti, petitum, causa petendi) . Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attivita' processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati***." [2]

Ġie spjegat mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward illi :

"*The plea is somewhat parallel with the plea of **'exceptio rei judicatae'** . Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue . The effect of the plea of **'litis pendentia'** in the words of Sevtion 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the*

[1] Ara Dok. A fil-kawża ċitaz. 91/99 a fol. 10 tal-process .
[2] Diritto Processuale Civile:Edizioni Giuridiche Simone - 2000 pag. 43 – 44 .

*suit to be remitted to the first Court . In fact, doctrine and caselaw in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence **'ex officio'** if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein ;*

*The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-mater and the cause of the demand*."[3]

Fil-każ tagħna jirriżulta illi :

(i) is-suġġett (***res***) huwa pjuttost l-istess għax jittratta ftehim milħuq bejn il-kontendenti Cassar, Borg u Cremona sabiex jiġu akkwistati l-ishma fis-soċjeta' Realfinanz AG, proprjetarja tat-territorju u l-lukanda "Ta' Cenc" f'Għawdex;

(ii) ir-raġunijiet illi fuqhom huma bbażati l-kawżi u t-talbiet (***causa***), huma pero' differenti, għaliex filwaqt illi fil-kawża preżenti qed tintalab dikjarazzjoni ta' falsita' ta' kopja ta' skrittura li kienet saret in sostenn tal-ftehim milħuq bejn l-istess kontendenti, kif ukoll li jinstab minn kien allegatament iffalsifika dak id-dokument, fil-kawża l-oħra intalbet ir-rexxissjoni ta' kuntratt li allegatament sar kontra dak li kien ġie miftiehem u għad-danni konsegwenzjali ;

(iii) il-partijiet involuti (***personae***), huma identiċi fiż-żewġ kawżi .

Għalhekk għalkemm għandna l-istess *res* u l-istess persuni, ma jistax jingħad illi hawnhekk għandna wkoll l-istess *causa petendi*, u għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi miċħuda, kif qed jiġu wkoll miċħuda għall-istess raġunijiet it-tieni u tielet eċċezzjoni relatati ma' din l-eċċezzjoni .

---

[3] Qorti tal-Kummerc : Anatoli Reznikov et. vs Nikolai A. Kotivov pro et noe : 24.3.1994 kollez. Vol. LXXVIII pt. IV p .174 .

Niġu issa għall-mertu tal-kontestazzzjoni . Insibu fid-dottrina illi : "*La voce* ***falso****, nel suo piu' largo significato, e' adoperata ad indicare qualsivoglia soppressione, mutazione, od alterazione del vero, con qualsiasi mezzo prodotta ed ottenuta . Nei riguardi giuridici il falso si distingue essenzialmente in due specie, e cioe' : falso materiale e falso immateriale o ideale o intelletuale . Il primo consiste nella composizione di un atto falso, ovvero nelle cancellature, alterazioni, mutazioni di una o piu' parti di un atto vero; il secondo consiste nella esposizione in un atto di fatti o dichiarizioni non sussistenti o non conformi alla verita' . Il falso poi, sia dell'una sia dell'altra specie,puo' riguardare tanto l'atto pubblico come la scrittura privata, dacche' qualunque documento puo' andare soggetto a totale o parziale alterazione nella sua forma o nella sua sostanza .*

*Ma, poiche' la materia del falso puo interessare tanto il diritto e la procedura civile quanto il diritto e la procedura penale, importa anzitutto distinguere accuratamente, e nettamente differenziare tra loro il falso civile ed il falso penale o reato di falso .*

*Nei riguardi penali il falso risulta, come qualunque reato, dall'insieme di due elementi, l'oggettivo ed il soggettivo, il primo dei quali si estrinseca nella materialita' del fatto, il secondo riguarda la imputabbilita' dell'agente . Ond'e' che, pure esistendo obiettivamente il falso, quando non sussiste insieme la imputabilita' dell'agente (come se questi per fisica o morale violenza o per errore avesse commesso il falso, o non fosse stato compos sui nell'atto che lo commise) il giudizio penale non ha piu' ragione di esistere, perche' dove manca la imputabilita', ivi non puo' essere responsabilita' e contro un individuo non responsabile nulla ha che fare la punitiva giustizia . Inoltre, poiche' non v'ha giudizio senza azione, se questa e' estinta (come per la morte del reo o per la prescrizione), anche in tal caso non ha piu' ragion d'essere il giudizio penale . E da ultimo questo non puo' sussistere e l'autore del fatto sia sconosciuto .*

*Ma nei riguardi civili ben diversamente corre la cosa, poiche' ivi non si considera del falso che l'elemento obiettivo, non si fa alcuna ricerca (che sarebbe fuor di luogo) sulla imputabilita' e responsabilita' dell'agente, ma solo si ha riguardo alla materialita' del fatto . Questo concetto e' espresso con brevi ma efficaci parole dal* ***Ricci****, la' dove dice : 'La procedura civile non va in traccia del reo, essa si preoccupa soltanto di respingere un mezzo che nuoce alla scoperta del vero, e che puo' indurre il giudice a ritenere in tutta buona fede la falsita' in luogo della verita' : questa percio' cammina dritta al suo scopo senza punto curarsi d'indagare la volonta' di colui che die' vita al falso (Ricci, Commento al cod. di p.c. italiano, vol. II, tit. VIII, n. 246).* [4]

Irriżulta mill-provi prodotti fil-kawża konnessa, illi d-dokument illi qed jiġi attakkat huwa kopja fotostatika mhux awtentikata ta' skrittura privata ppreżentata mill-atturi sabiex jippruvaw il-ftehim li kien sar dwar ix-xiri ta' l-isħma tas-soċjeta' Realfinanz AG . Mill-original ta' dan id-dokument li ġie ppreżentat mill-avukat dottor Louis Camilleri Preziosi fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni imsemmi, jirriżulta minnu illi din l-iskrittura baqgħet qatt ma ġiet iddatata[5] . Il-konvenut Victor Borg spejga illi huwa, bil-kunsens tal-konvenut l-ieħor Saviour Cremona, kien niżżel in-numru "7" fil-vojt tad-data fuq il-kopja ta' din l-iskrittura li ġiet mogħoddija lilu, u dana wara li l-istess skrittura kienet ġiet iffirmata, sabiex jindika d-data eżatta ta' meta, wara li kien ġia sar il-ftehim verbali ma' l-attur preżenti Anthony Cassar, ġiet effettivament mgħoddija lil dan ta' l-aħħar is-somma ta' ħames mitt elf lira maltija (Lm500,000) li kellha sservi bħala depożitu fuq il-konvenju relattiv li kellu jiġi ffirmat l-għada[6] . Huwa evidenti għalhekk illi ma kien hemm ebda intenzjoni li l-konvenuti jgħarrqu b'xi ħadd b'dak li għamlu, tenut kont ukoll illi din id-data partikolari ma seta' kellha ebda rilevanza partikolari għall-ftehim in

[4] Lamberto Lamponi in Il Digesto Italiano vol. XI, pte. I voce "Falso" para.4, 5 pag.186

[5] a fol. 178 ta' l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 3/2000 fl-ismijiet : Saviour Cremona et. vs Anthony Cassar et.

6 ara depożizzjoni ta' Victor Borg in konto-ezami a fol. 337 - 344 tal-process ċcitaz. nru. 91/1999 .

kwistjoni, illi ħadd m'hu jinnega illi kien sar verbalment, anke qabel ma ġiet redatta u ffirmata dik l-iskrittura .

Imma kif ġie imfisser fid-dottrina ċitata hawn fuq, fil-kamp ċivili hija immaterjali l-intenzjoni vera ta' min ikun ikkommetta l-falz, u għalhekk sa fejn id-dokument attakkat qiegħed juri xi ħaġa li ma kienitx teżisti fuq l-oriġinal tiegħu, dan huwa fih innifsu falz, bil-konsegwenza li ma jista' jkollu ebda effett legali . L-ewwel talba fiċ-ċitazzjoni tirriżulta għalhekk ġustifikata .

Rigward it-tieni talba, irriżulta ampjament mill-ammissjoni stess tal-konvenut Victor Borg, kif ġia ngħad, illi ż-żieda tan-numru "7" fil-vojt tad-data tal-kopja ta' l-iskrittura *de quo* saret minnu bil-kunsens tal-konvenut l-ieħor Saviour Cremona .

Madankollu jidher illi l-konvenuti l-oħra, s-soċjetajiet kummerċjali Palazzo Palina Holdings Limited u Realfinanz AG ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dan id-dokument, l-ewwel waħda għax ma kienitx għadha ġiet iffurmata meta ġiet redatta din l-iskrittura, u t-tieni waħda għaliex dakinhar kienet għadha tappartjeni lil sidien differenti, u għalhekk dawn is-soċjetajiet ma setgħu kienu responsabbli bl-ebda mod għal dak li ġara .

Għal dawn il-motivi, tidddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara li d-dokument esebit mill-konvenuti fil-kawża ċitazzjoni numru 91/1999 fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti wkoll, bħala "Dokument A" u bid-data tas-7 ta' Mejju 1997, hu dokument falz, għaliex id-data tiegħu ġiet miżjuda abużivament u kontra l-liġi ; u

2. tiddikjara li l-konvenut Victor Borg kiteb fl-imsemmija skrittura d-data tas-7 ta' Mejju 1997 .

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti Borg u Cremona .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------